**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Novembru, 2001**

**Numru 15**

**Avviz numru 920/01**

**Maltacom plc**

**vs**

**Vincenza sive Sina Barbani**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbgha mija disghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm490.93), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 435341 gja 414603 (skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u markati Dok A u B).

Il-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuta inkluzi dawk tal-istess ittra registrata datata 16 ta' Jannar 2001. Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil PL Noel Scerri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**